MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 3/2012

**John Bugeja**

**vs**

**Il-Prim Ministru;**
**L-Avukat Generali;**
**Il-Provincjal Reverendu tal-Frangiskani Minuri Konventwali bhala amministratur tal-beni tal-provincja tal-Frangiskani Minuri Konventwali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li huwa pprezenta fis-6 ta' Jannar 2012, li jaqra hekk:

Illi b'citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Lulju 2000 (Citazz. Nru. 1508/2000), ir-rikorrenti odjern ressaq is-segwenti premessi:

"Premess illi skont il-kuntrat datat 15 ta' Frar 1962, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Victor Bisazza, giet assenjata l-bqija tal-koncessjoni enfitewtika temporanja tal-fond bin-numru 15, Tigne' Street,Sliema,lil l-missier l-attur;

U premess illi b'kuntratt datat 10 ta' Ottubru 1973 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Maurice Gambin dan Frankie Bugeja iddona 'l bqija tal- koncessjoni enfitewtika lil ibnu li jigi l-attur;

U premess illi din l-enfitewsi temporanja taghlaq u tiskadi fil-21 ta' Lulju 2000;

U premess illi skont id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, jissussistu dawk ir-rekwiziti kollha necessarji sabiex din il-koncessjoni enfitewtika tigi konvertita skont il-ligi ghal wahda perpetwa;

U premess illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat sabiex jidher ghall-kuntratt dan baqa' inadempjenti";

Illi wara li ressaq il-fuq imsemmija premessi, l-attur talab ghalhekk li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha:

1. Tiddikjara illi l-koncessjoni temporanja ghandha tigi konvertita ghal wahda perpetwa skont il-ligi;

2. Tappunta u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirredigi l-kuntratt tal-koncessjoni perpetwa tal-fond bin-numru 15, Triq Tigne', Sliema';

3. Tordna lill-konvenut illi jidher u jiffirma l-kuntratt tal-koncessjoni perpetwa;

4. Tordna illi,f'kaz tal-kontumacja tal-konvenut,jinhatru kuraturi u deputati sabiex jidhru minflok il-konvenut fuq l-imsemmi kuntratt;

U dan bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Illi min-naha tieghu l-konvenut f'dik il-kawza u illum wiehed mill-intimati, permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet minnu pprezentata fit-8 ta' Novembru, 2000, eccepixxa, inter alia, "illi l-ligi citata mill- attur m'hijiex applikabbli ghall-kaz, illi dawk id-dispozizzjonijiet ta' dik il-ligi jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tal-konvenut kif protetti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi permezz ta' sentenza moghija fl-24 ta' Frar 2011, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-vertenza ta' bejn il-partijiet hawn fuq billi qalet:

'*Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut dwar l-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni attrici ghaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, izda filwaqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li taghti dispozizzjonijiet ta' dik il-ligi jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tal-konvenut kif protetti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tichad it-talbiet attrici ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz*'.

Illi l-attur appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

Illi fis-sentenza taghha tal-11 ta’ Novembru 2011, il-Qorti Kostituzzjonali qalet, ‘*Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-appell kemm ta’ l-attur u kemm ta’l-Avukat Generali u twettaq is-sentenza appellata sa fejn din cahdet it-talbiet ta’ l-attur ghax sabet illi l-applikazzjoni tal-Art. 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 fil-kaz tal-lum tkun bi ksur tal-jedd tal-konvenut imhares taht l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll*’.

Illi fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ghalhekk, huwa car li hija l-applikazzjoni tal-ligi nnifisha ma kellhiex is-salvagwardji procedurali xierqa mmirati li jinkiseb bilanc bejn l-interessi tal-kerrejja u dawk tas-sidien. Sia l-Qorti Ewropea u sia l-Qrati taghna sabu li kien hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Illi mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali johrog ukoll li huwa l-gvern, bil-promulgazzjoni u implimentazzjoni tal-ligijiet in kwistjoni, li ghandu l-htija f’dan il-kaz in partikolari u m’hijiex *erga omnes* bhal ma kienet qalet l-Ewwel Qorti. Fil-fatt, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ‘*Ghalhekk, sa fejn is-sentenza appellata, qalet illi l-Art. 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 huwa awtomatikament null ghall-ghanijiet tal-kawza tal-lum ghax gie dikjarat null f’sentenzi moghtija f’kawzi ohra, is-sentenza appellata hija hazina. Xorta, izda ghad irid isir l-ezami jekk id-dispozizzjoni msemmija tal-ligi tiksirx il-jeddijiet fundamentali tal-konvenut jekk tigi applikata fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum*’.

Illi pero’, irid jinghad li l-Qorti tghid li, ‘*L-attur fit-tieni aggravju tieghu jghid illi “ghandu jkun l-istat u mhux l-individwu li jbati l-konsegwenzi tal-ligi anti-kostituzzjonali”; ghalhekk, ukoll, jekk hemm ksur tal-jeddijiet tal-konvenut, ir-rimedju ghandu jkun illi jithallas kumpens mill-istat u mhux illi l-attur ma jithalliex jistrieh fuq il-jeddijiet moghtija lilu mill-istess ligi. Dan l-aggravju huwa hazin. Kif rajna, kemm l-Art. 6 tal-Kostituzzjoni u kemm l-Art. 3 (2) tal-Kap. 319 jghidu illi l-ligi ordinarja ghandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni Ewropea, tkun bla effett. La darba instab illi, fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, hemm dik l-inkonsistenza, il-ligi ordinarja ghandha*

*tkun bla effett sakemm ma jigix indirizzat in-nuqqas ta' proporzjon ravizzat f'din is-sentenza*'.

Illi l-enfitewsi temporanja tal-fond numru 15, Tigne' Street, Sliema, li kienet il-mertu tal-kawza Citazz. Nru. 1508/2000 kienet taghlaq fil-21 ta' Lulju 2000 u kienu ukoll jissussistu r-rekwiziti kollha necessarji sabiex tali koncessjoni enfitewtika temporanja tigi konvertita f'enfitewsi perpetwa a tenur ta' dispozizzjonijiet tal-Artikolu 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-attur kien qabel il-kawza, interpella lill-konvenut nomine, qua padrun dirett ghall-fond in kwistjoni, sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku opportun ghall-konverzjoni ta' l-enfitewsi temporanji f'wahda perpetwa, l-istess konvenut nomine baqa' inadempjenti;

Illi minhabba din is-sentenza, l-attur, fil-konfront tieghu fl-Artikolu 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 ma jghoddux u ghalhekk ma jistghux jigu applikati. Qabel din is-sentenza huwa kellu d-dritt akkwizit li l-enfitewsi temporanja tikkonverti f'wahda perpetwa.

Illi l-legittimi aspettattivi tar-rikorrenti kienu li ser isir konverzjoni tac-cens temporanju ghal wiehed perpetwu izda din l-aspettattiva giet lilu negata minhabba l-fatt li l-gvern, rapprezentat mill-intimat Avukat Generali qatt m'ghamlu xejn biex jirrattikikaw il-kundizzjonijiet taht il-ligi de quo minkejja diversi sentenzi f'dan ir-rigward mill-Qorti Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem u mill-Qrati taghna. Minhabba dan l-agir jew ahjar, nuqqas ta' agir, ir-rikorrenti qieghed isofri d-danni.

Illi dan, minkejja li l-Artikolu 242 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tghid il-Qorti, permezz ta' sentenza tiddikjara li xi disposizzjoni tieghu tmur kontra xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew xi dritt tal-bniedem jew liberta' fondamentali r-registratur ghandu jibghat kopja ta' l-imsemmija sentenza lill-ispeaker tal-kamra tad-Deputati li ghandu meta l-kamra tiltaqa' ghall-ewwel darba wara li jkun ircieva dik is-sentenza jgharraf lill-kamra b'dak li jkun ircieva u jqieghed kopja tas-sentenza fuq il-mejda tal-

kamra. U minkejja ukoll il-fatt li fis-subartikolu (2) ta’ l-istess Artikolu il-Prim Ministru hu ssollecitat li matul il-perjodu ta’ sitt xhur mid-data meta s-sentenza tkun ghaddiet f’gudikat jnehhi kull inkonsistenza mal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew mad-dritt jew liberta’ fundamentali ta’ l-individwu skont ma jkun gie dikjarat f’dik is-sentenza.Din is-sistema giet gja’ ikkritikata mill-Qrati taghna stess ghaliex ma jezistix tnehhija ta’ inkonsistenzi mal- Kostituzzjoni  b’mod awtomatiku jew procedura aktar demokratika u trasparenti (Vide is-sentenza John Bugeja vs il-Provincjal Alfred Calleja P.A 4 ta’ Marzu,2009).Minkejja din il-kritika,il-Gvern baqa’ ma ghamel xejn u f’dan il-kaz in partikolari d-drittijiet tar-rikorrenti gew ippregudikati;

Illi d-danni jikkonsistu ukoll fil-fatt li huwa kellu l-legittima aspettattiva,kif fuq deskritt, izda spicca billi gie f’sitwazzjoni aghar minn dawk in-nies li jikkwalifikaw,dan skont l-Artikolu 12 (1),(2) u (3) tal ordinanza tal-1959 dwar it-tnehhija tad-Djar mill- kontroll (kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta),artikolu mizjud fl-1979 bl-Att XXIII ta’ dik is-sena,li jkollhom d-dritt li jibqghu jokkupaw il-fond b’kera u cioe’ min kellu proprjeta’ b’cens ghall-perjodu anqas min dak tar-rikorrenti. Id-drittijiet tar-rikorrent gew ippregudikati minhabba l-agir tal-intimat.

Illi l-attur jerga’ jikkwota s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tghid li se fejn qeghdin nitkellmu dwar dan il-kaz in partikolari l-ligi in kwistjoni (Art.12 (4) (5) (6) tal Kap 158 tkun bla effett izda dan ‘*sakemm ma jigix ndirizzat in-nuqqa ta’ proporzjon ravvizat f’din is-sentenza*.’Ghalhekk fil-fehma tar-rikorent huwa dmir tal-Gvern,hawnhekk rappresentat mill-Avukat Generali li ghandu jindirizza b’mod definittiv n-nuqqas ta’ proporzjon tal-ligi u sakemm dan ma jsehh. Is-sentenza Kostituzzjonali ma tghidx li r-rikorrenti ma ghandux titolu validu, izda titfa’ l-oneru fuq il-Gvern li jirranga n-nuqqasijiet indikati. Fil-frattemp ma jistax ibati r-rikorrenti ghan-nuqqas ta’ agir tal-Gvern; ghandha ligi in vigore li taghti titolu lir-rikorrent u sentenza konfliggjenti ma’ l-istess ligi.

Illi ghalhekk kellha titressaq din il-kawza wara li tressaq Protest Gudizzjarju datat 7 ta’ Dicembru 2011 debitament notifikat lill-Intimati fil-kawza odjerna:

Talab ir-rikorrenti jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tordna lill-intimat Avukat Generali, rapprezentant tal-Gvern ta’ Malta, sabiex b’mod immedjat jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta’ Novembru 2011 u jigi indirizzat in-nuqqas ta’ proporzjon ravvizat fl-istess kawza u halli meta dan in-nuqqas jigi indirizzat,ir-rikorrent ikun jista’ jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonijiet tal-ligi hekk mibdula;

Tiddikjara b’mod sussidjarju, li fin-nuqqas li l-intimat Avukat Generali, rapprezentant tal-Gvern, mat-talba precedenti hu risponsabbli in linea ta’ Danni versu r-rikorrenti;

Tillikwida d-danni li soffra r-rikorrent minhabba l-agir tal-intimat Avukat Generali, in rapprezentanza ta’ Gvern ta’ Malta hekk kif hawn fuq spjegat;

Tikkundanna lill-Avukat Generali jhallas id-danni kollha hekk likwidati lir-rikorrent.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju datat 7 ta’ Dicembru 2011 u l-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u l-intimati kollha minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Provincjal Reverendu Alfred Calleja nomine, li in forza taghha eccepixxa illi:

Illi l-fatti kif dikjarati mill-attur fil-premessi tar-rikors guramentat tieghu huma kontestati kif ser jinghad hawn taht:

1. Filwaqt illi l-intimat *nomine* jikkonferma l-fatti kif imfissra mir-rikorrent fil-paragrafi wiehed sa erbgha tal-premessi tar-rikors guramentat tieghu, u cioe’ jaqbel sa

fejn tali premessi qeghdin jispjegaw kif sehh l-*iter procedurali* fil-kawza fl-ismijiet ***John Bugeja vs Rev. Alfred Calleja OFM nomine*** (Citazz. Nru. 1508/2000), huwa jikkontesta l-kumplament tal-fatti kif esposti fir-rimanenti premessi;

2. Jigi spjegat kif il-proceduri fuq imsemmija fl-ismijiet ***Bugeja vs Rev. Calleja nomine*** inbnew mir-rikorrent u t-talba tieghu kienet dik illi l-koncessjoni effitwetika temporanja tal-fond bin-numru 15, Tigne' Street, Sliema, tigi konvertita f'wahda perpetwa u li jsir il-kuntratt mehtieg sabiex tigi formalizzata tali konverzjoni;

3. Illi din it-talba ghall-konverzjoni ma gietx akkolta stante illi gie ritenut li l-applikazzjoni ta' l-Art. 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 fil-kaz in ezami jkun bi ksur tal-jedd tal-konvenut imhares taht l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ghalhekk, permess tas-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2011, illimitat ruhha li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili sa fejn gie minnha deciz dak hawn spjegat izda ma tat l-ebda direzzjoni ulterjuri u ma ddikjarat l-ebda sejbien ta' htija li kienet b'xi mod tikkoncerna lill-Prim Ministru jew lill-Avukat Generali, it-tnejn hawn imharrka bhala intimati, kif qed jippretendi eronjament ir-rikorrent;

4. Jirrizulta ghalhekk illi l-unika ordni moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kienet diretta lir-rikorrent bic-cahda tat-talba tieghu, liema cahda ghandha l-effett illi ttemm u ggib fix-xejn il-pretensjoni tieghu illi l-enfitewsi temporanja li kien igawdi minnha sal-21 ta' Lulju 2000 setghet tigi kkonvertita f'wahda perpetwa;

5. L-effett ghalhekk ta' din is-sentenza huwa li r-rikorrent fil-kawza odjerna ma jgawdi l-ebda titolu validu

fir-rigward tal-fond bin-numru 15, Tigne' Street, Sliema, stante li t-titolu li huwa kien igawdi minnu kienu u baqa' wiehed temporanju u skada fil-21 ta' Lulju 2000. Kull pretensjoni ulterjuri li qed titqajjem mir-rikorrent permezz tal-kawza odjerna hija tant frivola daqskemm hija vessatorja u mahsuba unikament sabiex tipprokrastina dak il-mument li ma jistax jigi evitat mir-rikorrent, u cioe' l-izgumbrament tieghu mill-fond proprjeta' ta' l-intimat, stante, li huwa ma jgawdi l-ebda titolu validu fuq l-istess proprjeta';

6. Illi kif ser jigi eccepit aktar 'il quddiem f'din ir-risposta, ir-rikorrent lanqas biss qed jaghmel talba sostantiva ghal xi dikjarazzjoni dwar xi tip ta' ksur tad-dritt fundamentali li jgawdi hu, izda cioe' nonostante fil-premessi tar-rikors guramentat tieghu jqajjem certu pretensjonijiet dwar allegati aspettattivi legittimi. Madanakollu, dwar dan, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet tar-reverendu nomine intimat kif hawn taht imfissra, jigi osservat kif l-ebda dritt jew aspettattiva ma tista titwieled b'mod legittimu minn agir li huwa leziv ghad-drittijiet tat-terz u specjalment ghad-drittijiet fundamentali u bi vjolazzjoni ta' l-istess drittijiet, liema lezjoni giet iddikjarata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza fuq imsemmija tal-11 ta' Novembru 2011, u ghaldaqstant, il-pretensjoni tar-rikorrent kif imfissra fil-hdax-il paragrafu tal-premessi ghar-rikors tieghu ma tregix;

7. Illi ghar-rigward ta' dak li gie mfisser mir-rikorrent fit-tnax-il paragrafu tal-premessi tar-rikors tieghu, jigi osservat kif l-interpretazzjoni moghtija minnu ghal dak li gie osservat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili huwa totalment zbaljat u dan billi tali osservazzjoni kienet intiza sabiex theggeg lill-gvern sabiex inehhi l-ksur li qed isehh fil-konfront tal-padrun dirett bl-applikazzjoni tal-artikoli tal-ligi li gew ritenuti lezivi ghad-drittijiet tieghu u mhux sabiex tipprovdi xi tip ta' kopertura sabiex tkompli tipperdura

favur ta’ l-utilista, it-tgawdija li hija leziva ghad-drittijiet tal-padrun dirett. B’mod partikolari fil-kaz odjern, fejn ir-rikorrent certament li m’ghandux bzonn ta’ l-ghajnuna ta’ l-istat biex jipprovdilu post ghall-abitazzjoni tieghu ghaliex huwa finanzjarjament kapaci u komdu bizzejjed li jipprovdi ghal dan mill-mezzi tieghu stess;

8. Finalment, anke dak premess fl-erbatax-il paragrafu tar-rikors promotur huwa totalment zbaljat stante illi l-kuntrarju ghal dak pretiz mir-rikorrent, is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fuq imsemmija m’hijiex konfliggjenti mal-ligi, anzi l-istess sentenza ghamlitha cara li a tenur ta’ dak preskritt kemm mill-Art. 6 tal-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Art. 3 (2) tal-Kap. 319 hija l-ligi ordinarja (f’dan il-kaz l-Art. 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158) li ghandha tkun bla effett meta din tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni Ewropea bhal fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, ir-rikorrent ma jistax jibqa’ jistrieh fuq l-imsemmija artikoli sabiex jissostanzja it-titolu minnu vantat, proprju ghaliex dawn l-artikoli gew iddikjarati minghajr effett fir-rigward tal-fond fuq imsemmi u l-enfitewsi temporanja li ghalqet fil-21 ta’ Lulju tas-sena 2000. Jigi hawn imfakkar illi s-sentenza fl-ismijiet ***John Bugeja vs Rev. Alfred Calleja OFM nomine*** (Citazz. Nru. 1508/2000) moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta’ Novembru 2011 tikkostitwixxi gudikat.

Ghaldaqstant, l-eccipjenti qieghed bil-prezenti jressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

Illi fl-ewwel lok, l-intimat, ir-Reverendu Alfred Calleja nomine m’huwiex il-legittimu kontradittur stante illi huwa m’ghandu l-ebda setgha li jwettaq dak mitlub mir-rikorrent permezz ta’ l-ewwel talba tieghu, filwaqt illi t-talba ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ ta’ danni u l-konsegwenti kundanna ghall-hlas ta’ l-istess huma diretti unikament kontra l-intimati l-ohrajn fil-kawza odjerna. Ghaldaqstant huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fit-tieni lok, din l-Onorabbli Qorti kif imsejha biex taqdi l-funzjoni taghha bhala Sede Kostituzzjonali, m'ghandhiex gurisdizzjoni li tittratta l-kawza odjerna stante li ma saret l-ebda talba da parti tar-rikorrent tan-natura kostituzzjonali. Di fatti, ir-rikorrent lanqas biss qieghed jaghmel talba sostantiva ghal xi dikjarazzjoni ta' ksur ta' xi dritt fundamentali tieghu u ghalhekk, l-ghamla tat-talbiet tieghu semmai jaqaw purament taht il-gurisdizzjoni ordinarja tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

Illi fit-tielet lok qed tigi eccepita l-inammissibilita' ta' l-ewwel talba tar-rikorrent. Din l-Onorabbli Qorti ma tistax taghti l-ordni mitluba mir-rikorrent permezz ta' l-ewwel talba tieghu stante li kieku hija kellha tilqa' tali talba tigi li qed tuzurpa l-funzjoni tal-Parlament, haga li hija prekluza milli taghmel in osservanza tal-principju kostituzzjonali tas-separazzjoni tal-poteri. Konsegwentement, it-talbiet l-ohrajn kollha li jiddependu fuq il-gudizzju moghti minn din l-Onorabbli Qorti dwar l-ewwel talba jitilfu l-bazi taghhom u ma jistawx iregu wahedhom;

Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, din l-Onorabbli Qorti ma tistax takkolji l-ewwel talba tar-rikorrent, u konsegwentement lanqas it-talbiet l-ohrajn, stante illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet ***John Bugeja vs Rev. Alfred Calleja OFM nomine*** (Citazz. Nru. 1508/2000) fil-11 ta' Novembru 2011, ma tat l-ebda ordni li kellu jigi mwettaq mill-intimati l-ohrajn f'din il-kawza;

Illi ghal darb'ohra, minghajr pregudizzju ghal dak suespost, qed tigi eccepita ukoll il-karenza ta' interess guridiku da parti tar-rikorrent stante illi semmai, kwalunkwe emenda mehtiega fil-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta hija necessarja sabiex tindirizza l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-padruni diretti fil-kazijiet ta' cnus temporaneji u cioe' drittijiet li qatt ma kienu jappartjenu lir-rikorrent;

Illi t-talbiet ta' l-attur huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ukoll huma totalment frivoli u vessatorji u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati Prim Ministru u Avukat Generali, li in forza taghha eccepew illi:

In linea preliminari, il-procedura odjerna hija irrita u nulla in kwantu, ghalkemm dawn il-proceduri gew intavolati quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ma tissemma’ l-ebda dispozizzjoni jew dispozizzjonijiet tal-kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li allegatament gew, qed jigu jew x’aktarx ser jigu miksura. Ghalhekk, ghad illi kawza nghatat l-apparenza ta’ kawza dwar drittijiet tal-bniedem jew ta’ kawza kostituzzjonali billi giet prezentata fis-Sede Kostituzzjonali tal-Prim’Awla, il-kawza, fis-sustanza, hija wahda perfettament civili u mhux kostituzzjonali. Ghalhekk tissussisti l-irritwalita’;

Ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju in kwantu mal-prezentata tal-kawza thallas dritt ta’ kawza kostituzzjonali u mhux dritt ferm oghla ta’ kawza civili, il-kawza hija nulla u rricevibbli billi mal-prezentata taghha ma thallasx id-dritt tar-registru li kien dovut mal-prezentata taghha;

Di piu’, u minghajr pregudizzju, ghall-akkoljiment tat-talbiet ta’ l-attur tosta l-awtorita’ tar-*res judicata* billi fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ‘*John Bugeja vs Il-Provincjal Reverendu Alfred Calleja et*’ (Appell Civili numru 1508/2000/2) deciza fil-11 ta’ Novembru 2011, dik l-Onorabbli Qorti diga’ iddecidiet illi l-attur ma jistax jitlob li jigi kompensat mill-istat talli ma thalliex jibbenifika minn atti li jkunu jiksru drittijiet fundamentali ta’ haddiehor;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu hawn elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

a) Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur ma jammontaw għall-ebda '*legitimate expectation*'. L-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, (Law of the European Convention on Human Rights, pagna 567), jgħidu 'on this reasoning there must first be an asset that can qualify as a possession' under Article 1 Protocol 1. The 'legitimate expectation relates to the merits of the asset' ... Thus, where an applicant's submission on the correct interpretation and application of domestic law has been rejected by the national court no 'legitimate expectation' arises.';

b) Illi, in oltre, l-ewwel talba ta' l-attur m'għandha l-ebda bazi peress li s-sentenza citata mill-attur u li qed jitlob lill-Avukat Generali jikkonforma ruhu magħha ma għamlet l-ebda ordni fil-konfront ta' l-Avukat Generali hlief għall-kwistjoni ta' l-ispejjez li *tra l'altro* lanqas biss kienu dovuti lill-attur;

c) Illi di piu', l-Avukat Generali, ma wettaq l-ebda fatt illecitu fil-konfront ta' l-attur u konsegwentement ma huwa responsabbli għall-ebda danni allegatament sofferti;

d) Illi effettivament, l-attur ma soffra l-ebda danni. Dan specjalment *considerando* li l-fatt li persuna li ma tihux beneficcju li jmur kontra d-drittijiet fundamentali ta' haddiehor qatt ma jista' jkun il-bazi ta' hlas ta' danni lil dik il-persuna, anke jekk biss minhabba l-fatt li l-bazi ta' tali pretensjoni għad-danni tkun wahda dikjarata bi ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponenti, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tiegħu.

Rat l-atti tal-kawza "John Bugeja v. Rev. Alfred Calleja OFM nomine", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Novembru 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat il-provi prodotti;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet li ressqu l-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija straxitu ta' sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Novembru 2011, fejn gie deciz li l-applikazzjoni ta' l-artikoli tal-ligi invokati mir-rikorrent li, skont hu, kienu jintitolawh jikkonverti l-koncessjoni enfitewtika temporanja ta' fond fi Triq Tigne', Sliema, li missieru kien ha b'kuntratt datat 15 ta' Frar 1962, f'wahda perpetwa kienu jiksru d-drittijiet fundamentali tal-padrun dirett, bir-rizultat li l-istess attur ma setax jipprevalixxi ruhu mill-fakolta' moghti lilu bil-ligi [l-Artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta]. Ir-rikorrent qed jargumenta illi giet leza l-aspettattiva legittima tieghu li jibqa' jgawdi l-fond b'titolu ta' enfitewsi perpetwa u dan peress li l-awtoritajiet kompetenti naqsu, meta fformulaw il-ligi applikabbli fl-1979, li jipprovdu salvagwardji procedurali xierqa mmirati li jinkiseb bilanc bejn l-interess ta' l-utilista u tal-padrun dirett.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tar-rikorrent u dan ghal diversi ragunijiet. Meta missier ir-rikorrent ha l-koncessjoni temporanja fi Frar ta' l-1962, u l-istess rikorrent ha l-bqija tal-koncessjoni enfitewtika f'Ottubru ta' l-1973, hu <u>kien jaf</u> li l-koncessjoni kienet tiskadi fil-21 ta' Lulju 2000, wara liema data hu kellu jivvaka l-fond u jhalli l-istess liberu u battal a favur il-padrun dirett. Hu kien jaf b'din il-konsegwenza u ma kellu ebda dritt jippretendi li l-Gvern jintervjeni biex hu, u persuni ohra f'sitwazzjonijiet bhalu, jigu protetti fit-tgawdija tal-fond anke wara l-iskadenza tal-koncessjoni enfitewtika temporanja. Il-fatt li l-Gvern <u>ipprova</u> jaghtih xi forma ta' protezzjoni, ma jaghtix dritt lir-rikorrenti jippretendi dik il-protezzjoni <u>bi dritt</u>.

L-attur jghid li, wara l-emendi li dahlu fis-sehh fl-1979 lil-ligi rilevanti, hu kellu "legitimate expectation" li kien se jibqa' fil-post anke wara l-iskadenza tal-koncessjoni, aspettattiva li, skont hu, timmerita protezzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghalkemm Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni[1] ta' x'jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett huwa interpretat b'mod wiesa'. In fatti, f'**Mellacher v. Austria (19 ta' Dicembru 1989)**, dan il-kuncett gie interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applilkabilita' ta' dan l-Artikolu.

Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk[2], in fatti, "…*the concept of what constitutes property or"possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide; … a range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests"* .[3]

B'dan ir-ragun allura, wiehed jista' facilment jghid illi Artikolu 1 Protocol Numru 1, ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-propjeta' fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni ghal interessi ohra. Dawn l-interessi imma jridu pero' juru numru ta' karatteristici li zviluppaw matul iz-zmien fil-gurisprudenza.

Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta' natura kummercjali, jew

---

[1] Il-kuncett ta' "possessions" qatt ma gie moghti definizzjoni generali u lanqas astratta.

[2] A Guide to the Implementation of Article 1 of Protocol Number 1, page 10

[3] Hawnhekk l-awtrici tkompli billi tghid li dawn kollha huma ikkonsiderati bhala "possessions" : "…*shares, patents, an arbitration award, the entitlement to a pension, a landlord's entitlement to rent, the economic interests connected with the running of a business, the right to exercise a profession, a legitimate expectation that a certain state of affairs will apply, a legal claim, and the clientele of a cinema".*

ahjar, ekonomiku. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement “of being realized” u b’hekk jirrapprezentaw dik li nsejhulha “legitimate expectation”[4] kif ser naraw aktar ‘l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali, ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.

Il-protezzjoni ta’ dan l-Artikolu tapplika biss f’kaz li wiehed jista’ : “lay a claim to the property concerned”. Dan l-Artikolu jipprotegi dik il-propjeta’ gia’ ezistenti u mhux id-dritt li wiehed jakkwista propjeta’ fil-futur[5]. Artikolu 1 Protocol Numru 1, japplika biss, wiehed jista’ jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna diga’ ghandha u li diga’ qed tgawdi. Irid jigi provat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu pretensjoni legali li jezercita “property rights” – **Zwierzynski v. Poland (19 ta’ Gunju 2001)**.

Kaz partikolari li juri l-iskop wiesa’ ta’ protezzjoni li jipprovdi dan l-Artikolu huwa **Pine Valley Developments Ltd v. Ireland (1991)**. Hawnhekk il-Qorti qalet li l-Artikolu 1 ta’ Protocol Numru 1 tal-Konvenzjoni kien kapaci li jipprotegi “a legitimate expectation” meta “a certain state of affairs will apply”. F’dan il-kaz, pero’, il-Qorti kienet konvinta li l-persuna li ridet tizviluppa l-art in kwistjoni, kellha di fatti din il-pretensjoni li tizviluppa l-art li kienet akkwistat.

Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta’ dan l-Artikolu, wiehed irid ikollu forma ta’ dritt li qed igawdi li skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala “property right” **– S v. United Kingdom (1986)**.

---

4 **Beyler v. Italy (5-Jan-2000) –** l-applikant f’dan il-kaz ipprova li kellu *de facto* ‘proprietary interest’ fil-pittura u b’hekk kellu ‘a legitimate expectation’

5 Isegwi allura li l-pretensjoni li wiehed ser jiret propjeta’ fil-futur, per ezempju, ma jkunx protett taht dan l-Artikolu (1979) **Marckx v. Belgium u fl-1987 f’Inze v. Austria.**

In fatti, il-fundazzjoni sabiex "claim"[6] tkun ikkonsiderata bhala "possession" taht Artikolu 1 Protokol Numru 1, ghandu jigi ippruvat li hemm pretensjoni legali li ma tistax tigi stabbilita jekk "*a precondition to a claim to property has not been fulfilled*" – **Kopecky v. Slovakia (28 ta' Settembru 2004)**.

*"A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act…" –* ***Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic (2002)***, jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation".

Karatteristika indispensabbli hija l-akkwist tal-valur ekonomiku ta' l-interess ta' dak l-individwu, kif mistqarr aktar 'il fuq, u anke kif intqal f'**Batelaan and Huiges v. Netherlands (1984)**: li "*expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of possessions".*

Sabiex talba (*claim*) tista' tigi meqjusa bhala "possession", trid allura taqa' fil-parametri ta' dan l-Artikolu. Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficentament "established to be enforceable" – **case of Burdov v. Russia (7 ta' Mejju 2002); Timofeyen v. Russia (23 ta' Jannar 2004)** u **Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece (9 ta' Dicembru 1994).** Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi ikkwalifikata bhala "possession". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista' tigi ikkonsiderata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali ghall-beneficci ekonomiku ta' dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise" – **Pressos**

[6] **Antonakopoulos v. Greece (14-Dec-1999)** – gie argumentat is-segwenti:- "*as long as the holder of a claim can have a "legitimate expectation" of realizing the claim, that is, that the claim is "sufficiently established" to the extent of being executabvle, then this claim is in principle to be accepted as on par with "possession" capable of being protected by Article 1 Protocol Number 1".*

**Compania Naviera S.A. v. Belgium (1995)[7] u National and Provincial Building Society v. U.K (1997).**

Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist **Potocka and Others v Polnad (2000)**, huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta' dan l-Artikolu, huwa rikjest illi dik il-persuna tipproduci *prima facie* bl-ezistenza u l-validita' tat-talba tieghu jew taghha ghal dak il-beni in kwistjoni.

Issa, f'dan il-kaz, ma jistax jinghad li r-rikorrent ghandu xi titolu validu ghall-estensjoni ta' l-enfitewsi peress illi gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali li, fil-kaz tieghu, jekk juzufruwixxi ruhu mill-fakolta' li taghti l-ligi, jinholoq zbilanc bejn id-drittijiet tieghu u dawk tal-padrun dirett.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali, il-ligi per se ma hijiex kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li jfisser li l-Gvern ipprovda rimedju validu. Hija l-applikazzjoni ta' dik il-ligi fil-kaz tar-rikorrent li wassal ghall-izbilanc indikat. Dan sehh mhux minhabba xi nuqqas fil-ligi, izda peress li c-cens originarjament patwit ma kienx tali li jwassal ghall-bilanc li trid il-Konvenzjoni. Kienet il-pawcita' tac-cens miftiehem li wassal ghall-fatt li r-rikorrent ma jistax jipprevalixxi ruhu mill-fakolta' li tat il-ligi, u mhux il-ligi per se. Darba, allura, li c-cens miftiehem kien wiehed baxx, u dan ir-rikorrent kien jafu u accettah, ma setax kellu "a legitimate expectation that the entitlement will materialise". Il-fakolta' li tat il-ligi biex, f'certi cirkostanzi, enfitewsi temporanja tigi konvertita f'wahda perpetwa, inghatat lil min ikun ftiehem cens originali adegwat jew mahsub li jawmenta, li jkun jista' jikkonverti ruhu f'kumpens adegwat ghall-kontro-parti ta' min jaghmel uzu minn dik il-fakolta'. Kollox jiddependi, allura, mill-ftehim milhuq, u r-rikorrent ma jistax jilmenta min-nuqqas ta' rizultat favorevoli ghalih, meta hu jew l-awtur tieghu accettaw ammont ta' cens baxx (12c5 mill-flus antiki) u

[7] **Fedorenko v Ukraine 91-June-2006)** – Il-Qorti f'dan il-kaz, qalet li skond kazistika tal-organizazzjonijiet tal-Konvenzjoni, "possessions" jistghu jkunu kemm beni li diga' jezistu jew assi ('assests') u dan jinkludi 'claims' li l-applikant ghandu f'dak ir-rispett jargumenti li ghandu almenu 'a legitimate expectation' li jista' jottjeni tgawdija fid-dritt ta' propjeta'

gawdew minn dan il-privilegg ghal 150 sena (il-koncessjoni originali kienet inghatat fit-22 ta' Lulju 1850, u l-kuntratt relattiv ma hasibx ghall-awmenti perjodici ta' l-istess cens). Taht dawn ic-cirkostanzi, ir-rikorrent ma setax kellu pretensjoni valida li jibqa' in perpetwita' fil-fond b'cens li jibda b'€1.75 fis-sena, rivedibbli kull hmistax-il sena skont ir-rata ta' l-inflazzjoni. L-ezercizzju ta' dik il-fakolta', f'dawn ic-cirkostanzi, kienet twassal ghall-konkluzjoni mhux in bona fede u kontra kull dettam tar-raguni, u allura l-pretensjoni li seta' kellu r-rikorrent ma tistax titqies "legali".

Gara fil-kaz tar-rikorrenti li l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-ligi, <u>f'dan il-kaz u f'dawn ic-cirkostanzi</u>, kjarament jammontaw ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-padrun dirett; ic-cirkostanzi, pero', ma halqithomx il-ligi, izda l-awtur tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz ta' l-attur, kienet cara meta qalet li <u>l-applikazzjoni</u> ta' l-Artikolu 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 "<u>**fil-kaz tal-lum**</u>" holoq zbilanc inaccettabbli. Id-decizjoni ta' dik il-Qorti ittiehdet a bazi tal-fattispeci partikolari tal-kaz, u mhux ghax il-provvedimenti tal-ligi huma fihom infushom illegali. Hekk, fil-paragrafu 25 tas-sentenza, dik il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni:

"*25. Fil-fehma ta' din il-qorti hemm ukoll ksur tal-Art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Ma huwiex kontestat illi l-istat ghandu s-setgha li jikkontrolla l-uzu tal-prorprjeta' fl-interess pubbliku, u ma huwiex kontestat ukoll illi d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 158, safejn huma mahsuba illi n-nies ikollhom dar fejn joqoghdu, huma fl-interess pubbliku. Daqstant iehor izda, ma jistax jigi kontestat illi l-element ta' proporzjonalita' huwa ghal kollox nieqes fil-kaz tal-lum. Tassew illi l-kumpens mhux bilfors ikun daqs kemm jaghti s-suq hieles, ghax jista' jkun hemm interess generali legittimu illi min ma jiflahx ihallas daqskemm jitlob is-suq hieles ukoll ikollu l-possibilita' li jsib dar fejn joqghod. Certament il-htiega tal-proporzjonalita' ma tkunx tharset fejn jithallas kumpens ta' Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1.75) fis-sena ghall-proprjeta' li tiswa aktar minn miljun Ewro.*"

Hu car l-enfasi fuq in-nuqqas ta' proporzjonalita' "fil-kaz tal-lum", u fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Il-pretensjoni tar-rikorrent kienet wahda kundizzjonata, u cioe', li jinholoq bilanc bejn id-dritt tieghu u dak tal-padrun dirett. Din il-kundizzjoni ma avveratx ruhha fil-kaz tal-lum, u kwindi, dik il-pretensjoni ma tistax titqies "possession" skont l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni, peress li kienet "*a conditional claim which lapses as a result of the non-fulfillment of a condition*" – **Malhous v. The Czech Republic**, deciza fit-13 ta' Dicembru 2000.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------